MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2013

Numru 3/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Stiano Agius**
**Eleanor Tracy Agius**

**Sentenza dwar eċċezzjonijiet preliminari**

Il-Qorti

Rat l-Att tal-Akkuża Numru 3/2013 li biha l-akkuzati Stiano Agius [detentur tal-karta tal-identita` numru 41858 (M)] u Eleanor Tracy Agius [detenctrici tal-karta tal-identita` numru 494793 (M)] gew akkuzati talli

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f`Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) il-Pulizija

kellha informazzjoni kunfidenzjali li l-konjugi Agius setghu kienu involuti fit-traffikar ta` droga u li f`dawk il-granet l-akkuzat Stiano Agius, bi ftehim ma haddiehor, kellu jircievi ammont sostanzjali ta` droga kokajina sabiex din tigi eventwalment mibjghuha u ttraffikata illegalment f`Malta u dan a skapitu tas-socjeta Maltija. Fil-fatt fil-kors ta` dawn l-investigazzjonijiet, ufficjali tal-Pulizija ghamlu sensiela ta` osservazjonijiet fuq ir-residenza tal-akkuzati li tinsab 13, Santa Rita, Triq Patri G. Spiteri Fremond, Hal-Qormi. Fid-9 ta` Novembru 2007 il-Pulizija osservat lill-akkuzat Stiano Agius isuq vettura tat-tip BMW bin-numru ta` registrazzjoni MR BIG, jieqaf hdejn ir-residenza tieghu u jaghti minn gol-vettura pakkett bhal *envelope* lil mara tieghu l-akkuzata Eleanor Tracy Agius li dehret ukoll iddahhal dan il-pakkett fir-residenza taghhom f`Hal-Qormi.

Illi l-ghada u cioe` fl- 10 ta` Novembru 2007 il-Pulizija ghamlu tfittxija intesiva fir-residenza tal-konjugi Agius u fost affarijiet ohra sabu mohbija f`kexxun fil-kcina pakkett li kien fih **1,005 grammi droga kokajina b`purita` ta` 60%, borza tal-plastik li kien fiha 148 grammi droga kokajina b`purita` ta` 40% u mizien eletroniku forma ta` mgharfa li kien fih tracci tad-droga kokajina.** Id-droga kokajina misjuba fir-residenza tal-akkuzati b`kollox tammonta ghal **1,153 grammi** u ghandha valur fis-suq ta` madwar sebgha u tmenin elf u sitt mitt ewro (€ 87,600).

Illi l-akkuzat Stiano Agius stqarr mal-Pulizija li ma kinitx l-ewwel darba li kien izomm id-droga kokajina fir-residenza tieghu u li fil-fatt hu kien miftihem ma` persuna ta` nazzjonalita` barranija biex izomm id-droga fir-residenza tieghu u li ta` dan is-servizz kien jithallas kull darba s-somma ta` elf lira Maltin (LM1,000).

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta` l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v.Herman McKay u Stiano Agius” tas-7 ta’ Jannar, 2004, l-akkuzat Stiano Agius instab hati ta’ diversi reati.

Illi b’ghemilhom, **Stiano Agius u Eleanor Tracy Agius** saru hatja talli assocjaw ruhhom ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw id-droga kokajina, kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni u inoltre **Stiano Agius i**rrenda ruhu recidiv f`delitt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f`isem ir-Repubblika ta` Malta, akkuża lill-imsemmija **Stiano Agius u Eleanor Tracy Agius** hatja talli assocjaw ruhhom ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw id-droga kokajina, kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni u kif ukoll li **Stiano Agius** irrenda ruhu recidiv f`delitt u talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi jigu kkundannati ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomorhom u multa ta’ mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu **(€2,329.37)** izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (**(€116,500.00**) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2,9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghal-htija ta’ l-imsemmija akkuzati.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel kap ta` dan l-att t`akkuza u cioe` f`Novembru 2007 u fil-gimghat ta` qabel, l-akkuzati Stiano Agius u Eleanor Tracy Agius iddecidew li jibdew jittraffikaw d-droga kokajina f`Malta.

Illi fil-fatt f`Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) il-Pulizija kellha informazzjoni kunfidenzjali li l-konjugi Agius setghu kienu involuti fit-traffikar ta` droga u li f`dawk il-granet l-akkuzat Stiano Agius, bi ftehim ma haddiehor, kellu jircievi ammont sostanzjali ta` droga kokajina sabiex din tigi eventwalment mibjghuha u ittraffikkata illegalment f`Malta u dan a skapitu tas-socjeta Maltija. Fil-fatt fil-kors ta` dawn l-investigazzjonijiet, ufficjali tal-Pulizija ghamlu sensiela ta` osservazjonijiet fuq ir-residenza tal-akkuzati li tinsab 13, St. Rita, Triq Patri G. Spiteri Fremond, Hal-Qormi. Fid- 9 ta` Novembru 2007 il-Pulizija osservat lill-akkuzat Stiano Agius isuq vettura tat-tip BMW bin-numru ta` registrazzjoni MR BIG, jieqaf hdejn ir-residenza tieghu u jaghti minn gol-vettura pakkett bhal *envelope* lil mara tieghu l-akkuzata Eleanor Tracy Agius li dehret ukoll iddahhal dan il-pakkett fir-residenza taghhom f`Hal-Qormi.

Illi l-ghada u cioe` fl- 10 ta` Novembru 2007 il-Pulizija ghamlu tfittxija intesiva fir-residenza tal-konjugi Agius u fost affarijiet ohra sabu mohbija f`kexxun fil-kcina pakkett li kien fih **1,005 grammi droga kokajina b`purita` ta` 60%, borza tal-plastik li kien fiha 148 grammi droga kokajina b`purita` ta` 40% u mizien eletroniku forma ta` mgharfa li kien fih tracci tad-droga kokajina.** Id-droga kokajina misjuba fir-residenza tal-akkuzati b`kollox tammonta ghal **1,153 grammi** u ghandha valur fis-suq ta` madwar tmienja u sebghin elf u sitt mitt ewro (€ 87,600).

**L-akkuzati ghalhekk kienu fil-pussess xjenti u illegali ta` din id-droga kokajina intiza biex tigi traffikata, mibjugha u fornuta lil terzi persuni f`Malta.**

**STIANO AGIUS u ELEANOR TRACY AGIUS** ma kellhom l–ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollhom fil–pussess taghhom din il–medicina perikoluza skond il-Ligi.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v.Herman McKay u Stiano Agius" tas-7 ta' Jannar, 2004, l-akkuzat Stiano Agius instab hati ta' diversi reati.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija **Stiano Agius u Eleanor Tracy Agius** saru hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokajina meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenza jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu id-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghhom u kif ukoll li Stiano Agius irrenda ruhu recidiv.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija **Stiano Agius u Eleanor Tracy Agius** hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokajina meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatturaw jew ifornu id-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienux awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghhom u kif ukoll li Stiano Agius irrenda ruhu recidiv.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru u multa ta’ mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ((€2,329.37)) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro ((€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, and 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghal-htija ta’ l-imsemmija akkuzati.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi f`Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) il-Pulizija kellha informazzjoni kunfidenzjali li l-konjugi Agius setghu kienu involuti fit-traffikar ta` droga u li f`dawk il-granet l-akkuzat Stiano Agius, bi ftehim ma haddiehor, kellu jircievi ammont sostanzjali ta` droga kokajina sabiex din tigi eventwalment mibjghuha u ttraffikkata illegalment f`Malta u dan a skapitu tas-socjeta Maltija. Fil-fatt fil-kors ta` dawn l-investigazzjonijiet, ufficjali tal-Pulizija ghamlu sensiela ta` osservazjonijiet fuq ir-residenza tal-akkuzati li tinsab 13, Santa Rita, Triq Patri G. Spiteri Fremond, Hal-Qormi. Fid-9 ta` Novembru 2007 il-Pulizija osservat lill-akkuzat Stiano Agius isuq vettura tat-tip BMW bin-numru ta` registrazzjoni MR BIG, jieqaf hdejn ir-residenza tieghu u jaghti minn gol-vettura pakkett bhal *envelope* lil mara tieghu l-akkuzata Eleanor Tracy Agius li dehret ukoll iddahhal dan il-pakkett fir-residenza taghhom f`Hal-Qormi.

Illi l-ghada u cioe` fl- 10 ta` Novembru 2007 il-Pulizija ghamlu tfittxija intesiva fir-residenza tal-konjugi Agius u kif spjegat aktar qabel f`dan l-att t`akkuza huma sabu 1,153 grammi ta` droga kokajina. L-akkuzat Stiano Agius stqarr

mal-Pulizija li ma kinitx l-ewwel darba li kien izomm id-droga kokajina fir-residenza tieghu u li fil-fatt hu kien miftihem ma` persuna ta` nazzjonalita` barranija biex izomm id-droga fir-residenza tieghu u li ta` dan is-servizz kien jithallas kull darba s-somma ta` elf lira Maltin (LM1,000). **Waqt din it-tfittxija l-pulzija sabu wkoll basket tal-karti li kien fih ammont konsiderevoli ta` flus kontanti u apparti minn hekk sabu iktar flus f`sejf li kien qieghed taht tieqa fl-istess dar. B`kollox dawn il-flejjes ammontaw ghal iktar minn wiehed u tletin elf liri Maltin (Lm31,000) li konvertiti fil-valuta ewro jammontaw ghal tlieta u sebghin elf hames mija disgha u hamsin ewro (€73,559). Dawn il-flus kienu maqsumin f`mazez ta` Lm1,000 -il wahda.** L-akkuzati ma tawx spjegazzjoni plawsibli ta` kif gew ghandhom dawn il-flejjes u jekk fil-fatt il-provenjenza taghhom kinitx wahda lecita u dan iktar u iktar meta minn din l-investigazzjoni kollha irrizulta li effettivament l-konjugi Agius kienu involuti fit-traffikar tad-droga kokajina.

Minn iktar stharrig li ghamlet il-Pulizija irrizulta li dak iz-zmien l-akkuzat Stiano Agius kien jahdem bhala xufier *part-time* u ta` dan ix-xoghol kien jaqla bejn LM 25 u LM 35 fil-gimgha u apparti dan xi drabi kien jinnegozja xi karozza jew ziemel. Bejn is-sena 1999 u Settembru 2005 l-akkuzat Stiano Agius ma kellu l-ebda impjieg registrat mal-ETC. Mill-banda l-ohra l-akkuzata Eleanor Tracy Agius kienet ilha tahdem mal-kumpanija Baxter mis-sena 1994 u kienet taqla madwar Lm 400 (ekwivalenti ghal-circa 931 ewro) fix-xhar. Irrizulta wkoll li l-akkuzata Eleanor Tracy Agius kienet qed thallas mill-paga taghha 379.80 ewro lil Bank HSBC plc ghal-*Home Loan* li hadet biex tixtri id-dar f`Hal-Qormi fl-ammont ta` Lm 29,700 (ekwivalenti ghal-cirka 69,000 euro). L-akkuzata Eleanor Tracy Agius kellha wkoll irregistrat fuq isimha zewg vetturi wahda tat-tip Toyota RAV 4 bin-numru ta` registrazzjoni GIN-268 u ohra tat- tip BMW X5 bin-numru ta` registrazzjoni MR BIG. Fil-fatt il-vettura BMW X5 kien jaghmel uzu minnha l-akkuzat Stiano Agius liema vettura inxtrat ghal- prezz ta` LM 28,000 (ekwivalenti ghal circa 65,220 euro) minghand il-Premier Car Centre u li minn

dan l-ammont l-konjugi Agius kien fadalhom ihallsu is-somma ta` LM19,000 (ekwivalenti ghal 44,258 euro).

Meta l-konjugi Agius gew mitluba sabiex jispjegaw dettaljatament minn fejn ġabu il-flejjes kollha minfuqa u kif kienu ha jhallsu id-dejn akkumulat, Stiano Agius u Eleanor Tracy Agius ma tawx spjegazzjoni raġjonevoli li turi li l-flus kollha li kienu fil-pussess tagħhom f'Malta kienu flejjes li ġejjien minn provenjenza leċita u li d-dejn akkumulat kien se jithallas b`flus bi provenjenza lecita. Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi toħroġ stampa u sitwazzjoni ċara fejn kien hemm attivita jew attivitajiet kriminali (traffikar ta` droga) sottostanti li minnhom inkisbu il-flejjes u effetti li kienu taħt il-kontroll u pussess ta' Stiano Agius u Eleanor Tracy Agius.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v.Herman McKay u Stiano Agius" tas-7 ta' Jannar, 2004, l-akkuzat Stiano Agius instab hati ta' diversi reati.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Stiano Agius u Eleanor Tracy Agius, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, saru ħatja talli, fl-10 ta` Novembru 2007 u fil-gimghat ta` qabel f`Malta, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommettew d-delitt ta' money laundering u ċioe:

(i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;
(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività

kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq;
(vi) l-aġir bħala kompliċi rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq u kif ukoll li Stiano Agius irrenda ruhu recidiv..

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lil Stiano Agius u Eleanor Tracy Agius talli f'Malta, fl-10 ta` Novembru 2007 u fil-gimghat ta` qabel, u b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommettew d-delitt ta' money laundering billi kkommettew :
(i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;
(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat

direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attività kriminali;
(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta’ proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attività kriminali;
(v) it-tentattiv ta’ xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta’ hawn fuq;
(vi) l-aġir bħala kompliċi rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta’ hawn fuq u li Stiano Agius irrenda ruhu recidiv:

U talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkuzati billi jiġu ikkundannati għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux aktar minn tletin sena jew il-multa ta’ żewġ miljuni tlett mija disgħa u għoxrin elf, tlett mija tlieta u sebgħin Euro u erbgħin ċenteżmi (€2,329,373.40) jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien, kif ukoll tal-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull proprjeta, rikavat, flejjes jew effetti mobbli jew immobbli oħra skond il-Liġi u skond kif huwa stipulat u kif jintqal fl-artikoli 2, 3, 3(1), 3(2A)(a)(i), 3(3), 3(5)(a), 5, 6, 7 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta’ Malta, fl-artikolu 22(1C)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll ta’ l-artikoli 17, 18, 20, 22, 23, 23A, 23B, 31, 41, 42, 49, 50, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta jew ta’ kull piena oħra li tista tingħata għall-ħtija ta’ l-akkużati skond il-Liġi.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fl-10 ta` Novembru 2007 il-Pulizija ghamlet tfittxija intensiva fir-residenza tal-akkuzat Stiano Agius li hija fond 13, Santa Rita, Triq Patri G. Spiteri Fremond, Qormi u fost hafna affarijiet ohra sabu bott li kien mimli b`erbgha u ghoxrin (24) balla/munizzjon live. Stiano Agius ma ghandu l-ebda licenzja mahruga mill-Kummisssarju tal-Pulizija biex izomm fil-pussess tieghu dan it-tip ta` munizzjon.

Illi b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Herman McKay u Stiano Agius” tas-7 ta’

Jannar, 2004, l-akkuzat Stiano Agius instab hati ta' diversi reati.

Illi b'għemilu l-imsemmi Stiano Agius sar ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, kwanitita ta` munizzjon, kif ukoll illi sar reċidiv.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f`isem ir-Repubblika ta` Malta, akkuza lill-Stiano Agius hati talli fl- 10 ta` Novembur 2007 u fil-gimghat ta` qabel, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, munizzjon u li irrenda ruhu recidiv u talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur u mhux aktar minn hames snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 5(1) u 51(2) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)], u l-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fl-10 ta` Novembru 2007 il-Pulizija ghamlet tfittxija intensiva fir-residenza tal-akkuzat Stiano Agius li hija fond 13, Santa Rita, Triq Patri G. Spiteri Fremond, Qormi u fost hafna affarijiet ohra sabu karta tal-ghaxar liri Maltin (LM10) iffalsifikata. L-akkuzat Stiano Agius ma ta l-ebda spjegazzjoni ragonevoli kif gie fil-pussess ta` dan il-biljett tal-flus falz.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Herman McKay u Stiano Agius" tas-7 ta' Jannar, 2004, l-akkuzat Stiano Agius instab hati ta' diversi reati.

Illi b`eghmilu l-akkuzat Stiano Agius sar recidiv u hati talli fl- 10 Novembru 2007 u fil-gimghat ta` qabel mingħajr awtorità legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli (liema prova tkun fuq l-akkużat) xtara jew ircieva mingħand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess

tiegħu, biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li l-istess  kien falsifikat.

Illi ghaldaqstant l-Avukat Generali, f`isem ir-Repubblika ta` Malta, jakkuza lill- Stiano Agius recidiv u  hati talli fl- 10 Novembru 2007 u fil-gimghat ta` qabel mingħajr awtorità legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli (liema prova tkun fuq l-akkużat) xtara jew ircieva mingħand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tiegħu, biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li l-istess  kien falsifikat u jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux anqas minn tlettax-il xahar u mhux aktar minn hames snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 46 tal-Kap 204 u fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50,  u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-eċċezzjonijiet ippreżentati mill-akkużati li kienu dawn li ġejjin

1 Illi fil-parti narrativa ta’ l-Att t’Akkuza, l-Avvukat Generali testwalment jghid: *‘Illi l-akkuzat Stiano Aguis stqarr mal-Pulizija li ma kenitx l-ewwel darba li kien izomm id-droga kokajina fir-residenza tieghu u filfatt hu kien miftihem ma’persuna ta ‘nazzjonalita barranija biex izomm id-droga fir-residenza tieghu u li ta dan is-servizz kien jithallas kull darba s-somma ta ‘elf lira maltin (Lm 1,000,).’*

Dawn il-kliem ghandhom jigu kancellati, u dan fid-dawl tal-fatt illi 1-imputat irrilaxxa l-istqarrija tieghu qabel l-emendi ricenti ta’ Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) meta ma kienx asisstit minn avukat. Allura d-dritt tieghu ta’ smiegh xieraq  gie lez. La darba it-tehid ta’ din l-isqarnja, tledi d-drittijiet fundamentali ta’ l-akkuzat, ghalhekk ebda parti minnha ma ghandha tigi riprodotta f’dan 1-istadju.
Dan qed jinghad fil-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u senjatament b’referenza ghall-kaz fl-ismijiet Salduz vs Turkey, Plonka vs Polonia, u Panavotis vs Grecja, fejn il-Qorti Ewropeja kkristalizzat il-principju illi d-dritt sancit illi persuna tkun assista mill-konsulent legali taghha, ghandha tinghata

nterpretazzjoni wiesgha, tant li tinkludi d-dritt liii persuna tkun hekk assistita sa mill-bidu tal-proceduri, inkluz waqt il-kors ta' l-investigazzjoni mill-Pulizija. Inoltre, ssir referenza wkoll ghas-sentenzi fl-ismijiet, (konfermati fis-sede t'Appell) li-Pulizija vs Alvin Privitera (Kawza Numru 20/2009), il-Pulizija vs Esron Pullicino (Kawza Numru: 63/2009) u Il-Pulizija vs Mark Lombardi, fejn il-Qrati taghna kristalizzaw l-istess principju, filwaqt illi sahqu illi l-fatt illi persuna tirilaxxa stqarrija, minghajr ma tinghata l-fakulta illi tikkonsulta ma' Avukat qabel taghmel dan, iledi d-dritt ta' l-istess ghal smiegh xieraq stante li johloq zbilanc bejn id-drittijiet tal-persuna investigata u l-prosekuzzjoni.
Illi jigi umilment sottomess illi ghalkemm kwalunkwe referenza ghal stqarrija, hija sal-llum valida jew ahjar legali ai termini tal-Kodici Kriminali u tal-Kostituzzjoni, peress illi tikkostitwixxi prova, bhal kull prova ohra, jigi rilevat illi jekk dawn il-kelmiet ma jitnehhewx minn l-Att t'Akkuza, dan jista jkun sa mill bidu nett tal-proceduri quddiem il-gurati, ta'pregudizzju irrimedjabbli ghall-akkuzati:

Ikkonsidrat

L-akkużat qed jitlob li r-raba' paragrafu li jidher fil-parti dwar 'Il-Fatti' fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża għandhom jitneħħew minħabba li l-akkużat ma kienx assistit minn avukat waqt it-teħid tal-istqarrija.'

Dwar din l-eċċezzjoni, il-Qorti qed tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet 'Charles Muscat kontra l-Avukat Ġenerali' tat-8 t'Ottubru 2012. F'dik is-sentenza kien intqal dan li ġej:

'33. Meta tqis ukoll illi l-attur għad irid jgħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrija tal-akkużat; illi matul dan il-proċess l-attur sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-perikolu illi joqogħdu biss fuq l-istqarrija meta jiddeċiedu dwar ħtija, bla ma jqisu wkoll il-provi l-oħra, u illi l-imħallef

saħansitra jista' jwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tinġieb xiehda – li ma tressqitx quddiem din il-qorti – li l-istqarrija ttieħdet bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid, din il-qorti hija tal-fehma illi ma ntwera ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq bit-teħid tal-istqarrija tal-attur mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat.'

Sakemm l-akkużat qed jirreferi għal dak li qal fl-istqarrijiet tiegħu, għandu jgħodd dak li ntqal f din id-deċiżjoni.

Il-Qorti eżaminat l-istqarrijiet li hemm fil-proċess u ma jirriżultax xi ammissjoni fihom.

Allura jsegwi li l-Prosekuzzjoni kellha xi prova oħra biex inkludiet dak il-kliem bħala parti mill-fatti fl-ewwel kap tal-Att tal-Akkuża.

Minn eżami mwettaq minn din il-Qorti jirriżulta dan li ġej a fol 73. Din hija x-xhieda ta' PC Trevor Cassar Mallia li fiha jidher dan li ġej:

'Filfatt, ftit wara li kien qed ikellmu l-ispettur Theuma, wara li tah il-caution fuq il-post u reġa' tahil-caution fl-uffiċju, Stiano qallu, nikkwota l-kliem tiegħu, qallu li d-droga kien ġabha ġurnata qabel mingħand wieħed iswed li ltaqa' miegħu l-Marsa u talli jżommlu d-droga jagħtih Lm1000 kull darba li jżommhielu, jiġifieri li ma kenitx l-ewwel darba.'[1]

Dwar dak li jingħad bejn il-Pulizija u l-akkużat, il-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Novembru 2012 fis-sentenza fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta v Alfred Camilleri' qalet hekk:

'It-tħassib ta' din il-Qorti jinsorġi mill-fatt illi qabel bdiet it-tfittxija, aċċertat il-fatt illi l-appellat kien suspettat bit-

[1] Waqt it-trattazzjoni l-Avukat Ġenerali rrefera għal dak li xehed l-Ispettur Theuma. Id-difiża ssottomettiet li l-Ispettru Theuma kien qed jirreferi għall-istqarrija.

twettiq ta' reat, ma ngħatax it-twissija li kellu jedd jibqa' sieket sakemm ma jinkriminax ruħu. Din il-Qorti tirrespingi l-argument tal-compelling reasons li ressaq l-Avukat Ġenerali illi fil-mira tal-investigaturi ma kienx l-appellat iżda t-traġitt tal-pakkett. Fil-fatt fil-mira tal-pulizija kien kemm it-tragitt tal-pakkett kif ukoll l-involviment tal-appellat u ta' Mario Abdilla ma' dak il-pakkett. Ma jistax jitwarrab il-fatt accertat illi qabel il-pulizija żammet liż-żewġ suspettati fiċ-Ċirkewwa, huma kienu diġa` qegħdin jinżammu taht osservazzjonijiet. Rawhom jiġbru l-pakkett minghand l-agenti Thomas Smith, rawhom jitilqu bih mill-Belt lejn iċ-Ċirkewwa, kienu arrestati c-Cirkewwa u ttieħdu l-Belt minn hemm. *<u>Għal din il-Qorti huwa rilevanti l-fatt illi qabel kien akkumpanjat id-dar tar-residenza ta' ommu, u qabel l-Ispettur Ciappara għamillu d-domandi, l-appellat ma kienx mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Fiċ-ċirkostanzi, ma jistax jingħad li l-appellat kien mogħti għażla li jibqa' sieket</u>. Fil-kaz tal-lum ma hemm l-ebda allegazzjoni illi l-appellat kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Hemm pero` l-kwistjoni, li din il-Qorti tqis gravi, illi l-appellat ma ngħatax il-libertà fl-għażla jekk iweġibx jew le u b'hekk kien ipprivat minn garanzija kontra kull pregudizzju jew riskju ta' awto-inkriminazzjoni.*

Fil-ligi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għal każ tal-lum, u ċioe` qabel ma ddaħħlu fis-sehh l-Art. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma twegibx ghal mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kundizzjonijiet. Għalkemm fiż-żmien tal-każ tal-lum, l-appellat ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwiegeb, ma kienx liberu li jagħżel illi ma jwegibx id-domandi li saru mill-pulizija qabel u waqt it-tfittxija mill-pulizija tas-7 ta' Settembru 2006 għaliex ma ngħatax it-twissija. Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma illi kien hemm ksur tal-jedd tal-appellat għal smigħ xieraq.'

Fil-każ ta' llum, jirriżulta mix-xhieda ta' PC Trevor Cassar Mallia li ngħatat il-caution. B'applikazzjoni tal-insenjament magħmul fis-sentenza li għadha kif saret referenza għaliha, ma jidher li kien hemm xejn irregolari f'kif seħħet il-konverżazzjoni bejn l-akkużat u l-Ispettur Dennis Theuma.

Isegwi għalhekk li l-Avukat Ġenerali, huwa u jikteb l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża, kien qed jgħid dak li kien tassew seħħ u huwa rifless fl-atti tal-proċess. Ma kienx xi fatt maħluq mill-Avukat Ġenerali.

Il-Qorti għamlet l-eżerċizzju li teżamina l-atti għalkemm skont ġurisprudenza kostanti dan lanqas kien meħtieġ. Infatti fis-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta v Abuagila KH.Elwahishi' tal-11 ta' Jannar 2010, il-Qorti Kriminali, diversament preseduta qalet hekk:

'Illi ġie ritenut mill-Qrati tagħna li r-raġuni għala att tal-akkuża għandu jiġi annullat trid toħroġ mid-dokument innifsu u l-Qorti m'għandhiex toqgħod tidħol u tindaga dwar il-verita' jew preċiżjoni tal-fatti msemmija fl-att tal-akkuża, iżda jekk ir-rekwiżiti ta' formalita' preskritti mil-liġi ġewx osservati.'

Lanqas ma huwa korrett l-akkużat meta jissottometti li dan il-paragrafu għandu jitneħħa għaliex jinfluwenza lill-ġurati ħażin. Il-kwistjoni hawn mhix jekk l-Att tal-Akkuża jistax jinfluwenza ħażin lill-ġurati. Filfatt, ebda Att tal-Akkuża fih innifsu m'hu xi ħaġa komplimentuża mal-akkużat. Iżda hawn għandu jreġi l-prinċipju li m'għandu jitneħħa xejn mill-Att tal-Akkuża sakemm dan huwa radikat fil-provi tal-kumpilazzjoni.

Konklużjoni dwar l-unika eċċezzjoni mogħtija

Fil-fehma tal-Qorti ma jirriżulta ebda raġuni għala għandha tħassar il-paragrafu msemmi fl-eċċezzjoni mill-parti narrativa tal-Ewwel Kap tal-Att tal-akkuża. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din l-eċċezzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------